

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > [Sweden](#)

Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Svezja

Svezja



Din it-taqsimha tipprovdik b'deskrizzjoni ġenerali tas-sistema tal-qrati fl-Iżvezja.

Organizzazzjoni tal-ġustizzja – sistemi ġudizzjarji

Tipi ta' qrati – deskrizzjoni fil-qosor

Is-sistema ġudizzjarja normalment tirreferi għall-awtoritajiet u l-aġenziji li huma responsabbli għall-istat tad-dritt u għas-sigurtà legali. Il-qrati huma s-sinjala tas-sistema ġudizzjarja, li tinkludi fiha wkoll awtoritajiet li huma responsabbli għall-prevenzjoni tal-atti kriminali u l-investigazzjonijiet, inklużi dawn:

- [Il-Pulizija](#)
- [L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni u l-Uffiċċju Nazzjonali Svediż għall-Atti Kriminali Ekonomiċi](#)
- [Il-Bord Nazzjonali tal-Mediċina Forensika \(Rättsmedicinalverket\)](#)
- [Is-Servizz Svediż tal-#absijiet u tal-Perjodi ta' Prova \(Kriminalvården\)](#)

Awtoritajiet oħrajn, bħas-[Servizz tal-Infurzar](#), jista' jkollhom funzjonijiet konnessi mas-sistema ġudizzjarja.

Ġerarkija ta' qrati

L-Iżvezja għandha żewġ tipi ta' qrati paralleli:

- Il-qrati ġenerali, li jittrattaw kawżi kriminali u ċivili.
- Il-qrati amministrattivi ġenerali, li jittrattaw kawżi relatati mal-amministrazzjoni pubblika.

Il-qrati ġenerali huma organizzati f'sistema fuq tliet livelli: qrati distrettwali, qrati tal-appell u l-Qorti Suprema.

Il-qrati amministrattivi għandhom tliet livelli wkoll: qrati amministrattivi, qrati amministrattivi tal-appell u l-Qorti Amministrattiva Suprema. Barra minn dan, ġew stabbiliti xi qrati u tribunali speċjali sabiex jisingħu tipi speċifiċi ta' kawżi u kwistjonijiet.

Amministrazzjoni tal-qrati

[Il-Ministeru tal-Ġustizzja](#) huwa responsabbli għal kwistjonijiet li jinvolvu lill-qrati, inklużi l-kodiċijiet ta' proċedura u l-organizzazzjoni tal-qrati. Madankollu, la l-gvern u lanqas xi aġenzija oħra ma għandhom l-awtorità li jiddeċiedu kif tiddeċiedi qorti fil-każijiet individwali.

[L-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali](#) hija l-aġenzija amministrattiva ċentrali għall-qrati pubbliċi, għall-qrati amministrattivi pubbliċi, għat-tribunali reġjonali dwar il-pussess tal-proprjetà, għat-tribunali reġjonali dwar il-kirjiet u għall-[Awtorità Nazzjonali dwar l-Għajjuna Legali](#).

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.